MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2009

Numru. 412/2009

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR FABIEN FLERI**
**KONTRA**

**ANTHONY GRIMA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Anthony Grima ta' 31 sena, mwieled fil- 5 ta' Mejju 1977, Pieta', bin Anthony u Anna nee' Borg, residenti fil-fond St. Georges Flat 2, Triq l- Isqof Pietru Pace, Paola u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 237077(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli fid- 19 ta' Marzu 2009 bejn it- 8.00 u d- 9.00 ta' fil-ghaxija ikkommetta serq ta' €40 minn gol- fond bin- numru 136B Coral Reef Court li jinsab fi Triq il- Bahrija, Zabbar ghad-detriment ta' Tracy Busuttil, liema serq huwa aggravat bil- hin, persuna u lok, liema ammont ma jeccedix is- somma ta' €232.93 (Lm100)

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni.

**Ikkunsidrat:**

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 268, 269, 270 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lil imsemmi imputat hati u ghaldaqstant tordna lill-imputat jitqieghed taht Ordni ta' Probation ai termini tal- Artikolu 7 tal- Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal sena.
Tordna lill imputat ihallas is-somma ta' erbghin ewro (€40) fi zmien gimgha lil Tracy Busuttil ai terminu tal- Artikolu 24 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------